**Insellimlek għażiż Papa Ljun**

Merħba bik wisq għażiż Papa
Inti ħuna, l-Amerikan,
Ġej ukoll minn skola mqaddsa
Tal-kbir Ordni Agostinjan.

Fit-tbissima ħelwa tiegħek
Rajt programm sabiħ ta' tama,
Inti Papa tad-djalogu
Li tismagħna u tilqagħna.

Xi ġmiel ta' kelma għedtilna:
"Il-paċi magħkom!," tal-Mulej,
Bħala l-merħla waħda ta' Alla
Imlejtna b'tama għalli ġej.

Ħalli tkun iwa dil-paċi
Diżarmata u tiddiżarma,
Hekk umli, perserveranti
Hija dejjem l-aqwa arma.

Ħajr lilek li int ministru
Ta' Alla bla kundizzjonijiet,
Li jibqa' jħobb lil uliedu
U jifdihom fil-kriżijiet.

Wassaltina l-isbaħ aħbar
Li l-ħażen mhux le se jirbaħ,
Jirbaħ Kristu li jmexxina
Għas-sewwa li magħha tifraħ.

Djalogu w pontijiet kliemek
Qalbek tgħanni: komunità,
Għażiż Papa Ljun, int ħuna
Imlejtna lkoll bil-karità.

Iben ta' Wistin t'Ippona
Dewwaqtna dik it-tfittxija,
Għall-paċi dejjiema ta' Alla
B'qalb umli u ferriħija.

Għażiż Papa, missjunarju
Li trid Knisja sinodali,
B'ħarstek kollha entużjażmu
Hi ta' fejqan għal min fl-għali.

Ħalli timxi miegħek Ommna
Marija, li tant inti tħobb,

Agħmel il-qalb għażiż Papa
Idejha dejjem ibqa' żomm.

Ta' Franġiskan ħabib Wistin
Jiena miegħek nimxi id f'id,
Naf biċ-ċert li Alla għażlek
Biex bik iwettaq bosta ġid.

Nibqgħu mixja flimkien ħuna
Din mixjietna żgur li se tkun,
Għandek l-ubbidjenza tiegħi
Mħabbti u talbi, Papa Ljun.

Patri Mario Attard OFM Cap
9 ta' Mejju 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.